MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 442/2012

**Anthony Ferriggi (ID-719059-M)
ezercitanti fil-kummerc taht l-isem ta' A. Ferriggi
Importers & Distributers**

**vs.**

**Dolphin Industrial Services Ltd. (C-28232)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf, hames mija disgha u erbghin ewro, u hames centezmi (€1,549.05c) dovuta mis-socjeta' konvenuta lill-attur, rapprezentanti prezz ta' prodotti u merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta′ konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra illi s-socjeta’ konvenuta permezz tad-difensur taghha, fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2012, ipprezentat u qrat nota t’ammissjoni, illi permezz tal-istess nota hija ammettiet it-talba attrici kif dedotta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz, billi fuq ammissjoni tal-istess socjeta’ konvenuta, jilqa′ t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta′ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elf, hames mija disgha u erbghin ewro, u hames centezmi (€1,549.05c), bl-imghax legali dekorribbli mit-28 ta’ Gunju 2012 li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, huma a kariku tas-socjeta′ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------